# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernardette Valletta)**

**Vs**

**Andrew Depasquale**

**Kumpilazzjoni 494 / 18**

Illum, 6 ta' Awwissu 2018

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ta' 30 sena, iben Michael u Valerie nee Saliba, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Marzu, 1988, residenti gewwa 13, Triq il-Mithna, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` **135988(M);**

U akkuzat talli fil-granet ta' bejn it-30 u 31 ta' Lulju 2018, gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex;

1. Ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBX 115 tal-ghamla Mazda Demio ta' lewn griz, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jammonta ghal erbat elef u sebgha mitt euro (Euro 4700) aggravat ukoll bix-

xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261 (c)(g), 279 (b), 280 (1), 281 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Dehret l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Bernardette Valletta li qrat u haltfet l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u esebiet bhala dokumenti: l-istqarrija, rifjut ghall-assistent legali, certifikat tat-twelid, fedina penali, u PIRS report.

L-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-arrest.

L-imputat rregistra ammissjoni.

L-imputat inghata zmien biex jikkonferma l-ammissjoni tieghu u rega' ikkonferma tali ammissjoni.

Il-prosekuzzjoni gharrfet il-Qorti li l-karozza giet ritornata u hsara fiha ma kienx hemm, kif ukoll l-oggetti li kien hemm go fiha.

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi u l-ligi, ossia tal-artikoli 261 (c)(g), 279 (b), 280 (1), 281 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat.

Rat illi l-akkuzat llum stess gia' ntbaghat il-habs ghal perjodu ta' 12 (tnax)-il xahar fuq akkuzi li kienu gew lilu moghtija fl-20 ta' April 2018 u li l-Qorti rendiet ezegwibbli llum stess wara ksur ta' ordni tal-probation;

Semghet lill-akkuzat jghid illi huwa jixtieq jaghmel programm;

Rat l-Art 279 (b) u rat ukoll illi l-oggetti kollha gew ritornati u ghalhekk ikun opportun li l-Qorti tikkonsidra dan kollu fid-decizjoni finali taghha.

Rat illi bl-applikazzjoni tal-Art 21 tal-Kap 9, stante illi l-akkuzat illum stess gie gia' kkundannat piena ta' prigunerija ta' tnax (12) il-xahar fuq akkuzi ohra, u stante illi l-akkuzat wera x-xewqa illi jirranga hajtu, jezistu ragunijiet specjali u straordinarji sabiex, fl-akkuzi odjerni, li taghhom huwa ammetta minnufih u irritorna r-rifurtiva kollha, jinghata piena anqas mill-minimu.

Il-Qorti ghalhekk issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha u ghal ragunijiet fuq imsemmija, partikolarment is-sentenza moghtija llum li kienet originarjament moghtija fl-20 ta' April 2018, qed tikkundah piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur.

Il-Qorti fehmet li l-akkuzat ghandu problema akuta ta' droga u ghalhekk qieghda minnufih tistieden lill-Awtoritajiet tal-Habs sabiex fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni jittiehed sabiex jaghmel il-programm li hu ilu jixtieq li jaghmel bit-tama li meta eventwalment johrog mill-habs ikun fieq mill-problema li huwa ghandu.

**Francesco Depasquale**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**